MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1143/1997/1

Elvira Farrugia
vs
Direttur Generali tal-Qrati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn l-1992 u l-1996 hija sofriet ingustizzja fis-sens illi hija dejjem (u dan ser jigi spjegat dettaljatament aktar 'il quddiem) qdiet, wara li giet mitluba, dmirijiet fil-Qrati tal-Gustizzja hafna aktar ghola minn dawk li hija kienet suppost li taghmel u liema dmirijiet kienu jeccedu l-grad li kienet impjegata ghalih.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn li gejjin:
Illi hija kienet regghet giet impjegata mal-Gvern ta' Malta bhala Casual Typist fit-8 ta' Mejju, 1989 wara li hija kienet diga` impjegata bhala full time Clerk mal-Gvern ta' Malta

mis-sena 1970 sas-16 ta' April, 1978 meta kellha tirrizenja mill-impieg minhabba li kienet ser tizzewweg.

Illi minn meta regghet bdiet tahdem mal-Gvern ta' Malta fit-8 ta' Mejju, 1989 dejjem hadmet fil-Qrati tal-Gustizzja, pero` f'diversi sezzjonijiet u karigi.

Illi fl-ewwel erba’ xhur li hadmet fil-Qrati, x-xoghol kien ta' typing ta' sentenzi fir-Registru tal-Qrati Superjuri. F'Ottubru 1989, hija giet ippustjata bhala Hall Clerk fl-Awli ta' l-Imhallfin Giuseppe Mifsud Bonnici u wara Giuseppe Said Pullicino, illum President tal-Qrati. Gie anness mar-rikors id-dokument "A", certifikat rilaxxjat fit-30 ta' Settembru 1992 mill-istess Imhallef Giuseppe Said Pullicino, liema certifikat jitkellem fih innifsu fuq il-persuna li qed taghmel l-ilment. Wara sentejn f'dan ix-xoghol, hija giet mitluba mis-Sur Frank Galea, illum Assistent Registratur tal-Qrati tal-Magistrati biex tibda taqdi dmirijiet fil-Cash Office; cioe` tigbor il-flus tal-Multi, xoghol li kien jeccedi l-Grad li ghalih kienet dahlet tahdem mal-Gvern; cioe` dak ta' Casual Typist.

Illi fil-perjodu, pjuttost twil, li hadmet fil-Cash Office hija mmaniggjat il-flus li kienu jidhlu fil-Cash Office, zammet il-kotba ta' l-Accounts, hadet hsieb il-hrug ta' Mandati, u dan ix-xoghol gie mwettaq meta fil-Cash Office kien hemm Administrative Officer, Clerk Full Time u l-istess rikorrenti li ghalkemm kienet impjegata bhala Casual, kienet u ghadha tahdem on a full time basis pero` b’kundizzjonijiet differenti. Huwa rilevanti li l-persuna li kienet tahdem fil-Cash Section bhala full time Clerk (John Richards) kien gie mitlub jaqdi d-dmirijiet tieghu fil-Qrati Superjuri u Inferjuri u wara li dan ix-xoghol kien sar ta' spiss ghalih, qabad u talab transfer ghal Dipartiment iehor. Dan it-transfer fil-fatt gie effettwat xi xhur wara li ntalab.

Illi r-rikorrenti u kull min jahdem fil-Cash Section tal-Qrati kien gie mwieghed minn l-Amministrazzjoni tal-Qorti li kienu ser jintbaghtu mill-anqas full-time Clerk biex ikampa ghax-xoghol li kien hemm u minhabba l-fatt li x-xoghol kien ghola mill-Grad tieghu.

Illi f'din is-sitwazzjoni l-imsemmija Elvira Farrugia damet tahdem fil-Cash Section ghal izjed minn sentejn u mhux darba, tnejn jew tlieta li l-persuna msemmija kienet tispicca wahedha ghaliex l-ohrajn kienu jkunu bil-leave jew sick u kien ikollha tmexxi s-Section wahedha.

Illi minbarra dan ix-xoghol, ir-rikorrenti kienet tkun mghajta biex taghmilha ta' kaxxiera fir-Registru tal-Qrati tal-Magistrati, fejn kienu jigu prezentati numru konsiderevoli ta' atti gudizzjali minn avukati, prokuraturi legali u anke mill-pubbliku, u kien ikollha tmexxi dan ix-xoghol wahedha.

Illi sinifikanti hafna li jigi rilevat li almenu f'okkazjoni wahda ma saritx talba lid-Dipaartiment tal-Finanzi ghar-refund ta' Lm1.28c0. (zball li kienet hadet ir-rikorrent minhabba l-kwantita` ta' xoghol li kien ikun hemm) ghaliex skond l-Amministrazzjoni tal-Qorti r-risposta kienet tkun li dan ix-xoghol ma kienx imissu sar minn Casual Typist imma minn ufficcjal li kellu jkun fuq dan ix-xoghol. Ir-rizultat kien illi r-rikorrenti kellha tohrog il-flus, cioe` ix-shortages, minn butha. Hawnhekk wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li f'gurnata ta' xoghol normali, eluf u eluf ta' liri jghaddu mil-Cash Section tal-Qorti.

Illi din is-sitwazzjoni ma setghetx ittawwal hafna ghar-rikorrenti ghas-semplici raguni li minkejja li kienet qed taghmel xoghol ghola mill-grad taghha, hija gieli kellha tbati meta kellha xi shortages ta' flus li inevitabbilment gie li kien ikun hemm.

Illi ghalhekk kellha tkellem lill-Union taghha biex issir pressjoni lill-Amministrazzjoni tal-Qrati biex isirilha tibdil fix-xoghol taghha, u wara hafna sforzi hija giet moghtija x-xoghol ta' Hall Clerk fir-Registru tal-Qrati tal-Magistrati. Illi wara perjodu ta' bejn xahrejn u tlieta regghu biddlulha l-post tax-xoghol taghha u ntbaghtet bhala Hall Clerk fir Registru Superjuri fis-sezzjoni ta' l-Appell, fejn jigu pprezentati u ntaxxati l-atti kollha tal-Qorti ta' l-Appell.

Illi f'din is-sezzjoni li fiha hemm izjed minn elf kawza ta' l-Appell hemm ir-rikorrenti u Clerk Full time, u dana jfisser li

meta l-Clerk tkun bil-leave jew sick leave, x-xoghol kollu u r-responsabbilta` taqa’ fuqha.

Illi l-izjed punt saljenti ta' l-ilment taghha huwa l-fatt li hija tithallas skond is-sieghat li tahdem u f'nofs ta' nhar tiehu nofs il-paga ta' full time meta hija qed taqdi l-istess dmirijiet u responsabbilta`. Minbarra dan m'ghandha l-ebda cans ta' xi promotion jew increments.

Illi ta' min jirrileva li f'kull post li kienet, hija dejjem qdiet xogholha tajjeb u qatt ma kien hemm xi rapport fuqha.

Illi ghalhekk hija ghandha tigi kkompensata ghax-xoghol li ghamlet minn Ottubru 1989 sallum f'dawk il-postijiet il kienu oghla mill-grad taghha.

Illi hija rriservat li tispecifika izjed fid-dettal it-talba ghal kumpens finanzjarju li haqqha u wkoll li tipproduci x-xhieda u dokumenti kollha rilevanti in konnessjoni mad-Dipartiment tal-Qorti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju, cioe` kumpens finanzjarju ghax-xoghol li hija wettqet oghla mill-grad ta' Casual Typist.

Ra d-dokument esebit mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Qrati li eccepixxa:

Illi l-intimat informa lil dan it-Tribunal li x-xoghol li giet imqabbda taghmel ir-rikorrenti jaqa' fil-mansjonijiet ta' casual typist u dan kif se jigi kkonfermat bix-xhieda ta' ufficjali mill-Ufficcju tal-Prim Ministru;

Illi x-xoghol li ntalbet taghmel kien rikjest skond l-esigenzi tas-servizz u li r-rikorrenti, fl-ilment taghha, mhix qed tissostanzja l-ingustizzja li saret maghha;

Illi stante li r-rikorrenti mhix ufficcjal pubbliku imma casual typist ma tista' qatt tinghata promozzjoni jew grad ghola

minn dak li ghandha (sakemm ma tapplikax u tintghazel ghal dak il-grad) u ghalhekk ma tistax tivvanta l-argument li hija ghamlet xoghol oghla minn dak ta' casual typist;

Illi f'kull kaz ir-rikors kellu jsir kontra d-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru stante li huwa l-imsemmi Direttur li huwa responsabbli mill-kundizzjonijiet ta' l-impieg tal-casual typists;

Ghal dawn il-motivi l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-intimat mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u fin-nuqqas li jilqa' tali talba, li jichad ir-rikors.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn ikkonfermat il-fatti esposti fir-rikors kif ukoll tat xi dettalji ohra. Illi pero` din il-kawza fiha eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal, u b'mod senjat, l-intimat Direttur Generali tal-Qorti qieghed isostni illi stante li r-rikorrenti mhix ufficcjal pubbliku imma Casual Typist, ma tista` qatt tinghata promozzjoni jew grad ghola minn dak li ghandha sakemm ma tapplikax u tinghazel ghal dak il-grad, u ghalhekk ma tistax tivvanta l-argument li hija ghamlet xoghol oghla minn dak ta' casual typist.

Illi l-partijiet gew moghtija l-fakulta` biex jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet dwar dan l-aspett kif ukoll tal-kompetenza tat-Tribunal b'mod specifiku. Illi l-intimat Direttur Generali tal-Qorti pprezenta zewg noti ta' osservazzjonijiet li fihom iddiskuta l-punti li hemm influwenti, waqt illi r-rikorrenti, ghalkemm moghtija diversi opportunitajiet u estenzjonijiet, xorta wahda baqghet li ma pprezentatx din in-nota.

Jinghad illi dwar l-aspett imsemmi u cioe` il-fatt illi r-rikorrenti mhix ufficcjal pubbliku, l-applikazzjoni taghha kienet saret in segwitu ta’ dak li deher fl-Engagement of Causual Female Typist a fol 857 tal-Gazetta tal-Gvern fejn isemmi specifikatament “The Secretary General (jew Segretarju Generali) notifies that a number of Casual Female Typists will be engaged in the Malta Civil Service on a part-time basis” u fit-tieni klawsola jsemmi specifikatament li l-anqas ma jkunu elegibbli biex japplikaw ghal xi sejhiet interni ghall-applikazzjonijiet miftuha ghall-impjegati tal-Gvern. Jinghad ukoll illi Casual Typists mhumiex ikkunsidrati normalment bhala Public Officers minhabba l-metodu ta’ kif jidhlu fis-servizz civili u dana in virtu` ta’ dak li jinghad fl-Artiklu 110 tal-Kostituzzjoni. Skond l-Artiklu 124 tal-Kostituzzjoni, “ufficcjal pubbliku tfisser id-detentur ta’ xi kariga pubblika jew persuna mahtura biex tagixxi f’xi kariga pubblika”. Skond l-istess Artiklu 124 tal-Kostituzzjoni ‘kariga pubblika’ tfisser kariga bi hlas fis-servizz pubbliku u ‘servizz pubbliku’ tfisser is-servizz tal-Gvern ta’ Malta f’kariga civili.

Ta’ min isemmi illi n-nozzjoni ta’ ufficcjal pubbliku ghandha eccezzjonijiet. Hawnhekk wiehed ghandu jsemmi l-eccezzjoni stipulata fl-Artikolu 110 ta’ l-istess Kostituzzjoni fis-sens illi ‘hatriet ghall-karigi ufficcjali tkun fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku’. Eccezzjoni ohra hija dik imsemmija fl-Artikolu 54 (3) (b) tal-Kostituzzjoni ghall-fini tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, ghall-elezzjoni ghall-Kamra tad-Deputati, fis-sens illi persuna li tkun surmast fl-Universita’ ta’ Malta m’ghandiex tigi meqjusa bhala li tiddetjeni jew li tagixxi f’xi kariga pubblika, liema eccezzjoni tinsab konfermata, *inter alia,* mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Rikors 562/96 GCD, moghtija fil-31 ta’ Mejju, 1999.

Issa fil-kaz in ezami, r-rikorrenti tghid li dahlet mal-Gvern ta’ Malta bhala casual typist fit-8 ta’ Mejju 1989, in segwitu ta’ avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern. Dan kollu jwassal illi r-rikorrenti ma kenitx elegibbli biex tapplika ghal xi

sejha interna ghall-applikazzjonijiet miftuha ghall-impjegati tal-Gvern.

It-Tribunal dahal fil-fond fil-kawza Joseph Barbara kontra MedServ Ltd deciza fl-10 ta’ Mejju 1999 dwar il-kompetenza tat-Tribunal u hemmhekk, wara li kkwota l-Artikolu 6 Subartikolu 1 tal-Kap 394, semma li l-elementi necessarji ossija r-rekwiziti biex kawza tipprocedi quddiem it-Tribunal kien necessarju li l-ewwel nett ilment irid ikun bil-miktub u sekondarjament ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja.

It-tielet element hu li din l-ingustizzja tkun b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta’ xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab.

Ir-raba’ rekwisit hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att; u

Il-hames element hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Gie ritenut diversi drabi illi terminazzjoni mhix inkluza sakemm ma jkunx hemm kaz ta’ Constructive Dismissal. It-Tribunal ma kellux kompetenza l-anqas dwar hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni u l-anqas dwar bonus kif ukoll allownaces, telf ta’ increments, fabbrikazzjoni ta’ rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta’ allowances, divjet tar-rikorrent milli jsuq vetturi, li r-rikorrent ma giex moghti overtime, nuqqas sakemm dan ma jkunx konness ma xi transfer, nuqqas ta’ hlas ta’ paga, nuqqas ta’ hlas ta’ grant jew ghotja, danni sofferti kawza ta’ incident fuq ix-xoghol, ordni ta’ l-Awtorita’ Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor, ghoti ta’ medalja u kwistjoni dwar leave.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk huwa ovvju li l-kaz in kwistjoni jezorbita mill-kaz ta’ kompetenza tat-Tribunal. It-Tribunal jixtieq josserva pero` illi kien hemm kazijiet meta hass illi ghandu

jaghti kumpens lill-haddiema li ghamlu xoghol ta' livell superjuri. Izda jinghad illi f'dan kien hemm kazijiet fejn ma kenitx saret talba specifika ghal dak il-fatt izda kienet saret talba ghal xi promozzjoni jew kawza ta' transfer li huma ta' kompetenza tat-Tribunal u li minhabba li saret ingustizzja f'illi ma nghatawx il-promozzjoni kien gie ritenut illi ghall-anqas ir-rikorrent kellu jinghata kumpens finanzjarju talli ghamel xoghol superjuri minhabba l-ingustizzja li kien bata kawza ta' nuqqas ta' hatra jew minhabba transfer li bata u li ghalhekk it-Tribunal kien hass li ghandu jaghti l-kumpens ta' xoghol superjuri.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.